31985R3589

L 343/19 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 20.12.1985

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3589/85 tas-17 ta' Diċembru 1985 li jemenda ċerti Regolamenti dwar il-hops minħabba l-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall, u partikolarment Artikolu 396 tiegħu;

Billi, minħabba l-adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall u bi qbil ma' Artikolu 396 ta' l-Att ta' Adeżjoni, għandhom isiru emendi għar-Regolamenti li ġejjin:

— ir-Regolament (KEE) Nru 890/78 tat-28 ta' April 1978 li jipprovdi regoli dettaljati għaċ-ċertifikazzjoni tal-*hops* [1], kif l-aħħar emendat bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-1979 [2];

— ir-Regolament (KEE) Nru 3077/78 tal-21 ta' Diċembru 1978 dwar l-ekwivalenza maċ-ċertifikati ta' l-attestazzjoni tal-Komunità li jakkumpanjaw il-*hops* importat minn pajjiżi mhux membri [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 541/85 [4];

Billi, skond Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' Adeżjoni, l-istituzzjonijiet tal-Komunità jistgħu jadottaw qabel l-adeżjoni l-miżuri referiti f'Artikolu 396 ta' l-Att; billi dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ biss bla ħsara għal u mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 890/78 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— Dan li ġej jiżdied ma' Artikolu 5a:

" — Producto certificado — Reglamento (CEE) nº 890/78

— Producto certificado — Regulamento (CEE) nº 890/78";

— Dan li ġej jiżdied, wara l-kelma "Greċja", mat-tieni subparagrafu ta' Artikolu 6(3):"Spanja u l-Portugall";

— Dan li ġej jiżdied, wara l-kelma "Greċja", mat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 11:"Spanja u l-Portugall";

— Dawn li ġejjin jiżdiedu mat-taqsima 2 ta' Anness III:

"ESP għal Spanja"

"P għall-Portugall".

2. Ir-referenzi għall-Portugall u għal Spanja huma mħassra mill-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 3077/78.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1986, bla ħsara għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

(1) ĠU L 117, tad-29.4.1978, p. 43.
(2) ĠU L 291, tad-19.11.1979, p. 77.
(3) ĠU L 367, tat-28.12.1978, p. 28.
(4) ĠU L 62, ta' l-1.3.1985, p. 57.